# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 26 ta' Mejju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 26 / 15RGM

Kawza fil-lista: 3

**A B**
**vs**
**C D G f'isimha proprio u f'isem uliedha minuri E B u F B; u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fil-5 ta' Frar 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata kellhom relazzjoni ta' ftit xhur;

2. Illi nhar is-6 ta' Novembru 2009 twieldu t-tewmin E u F, liema minuri gew registrati bhala ulied naturG tar-rikorrenti, hekk kif jirrizulta mic-Certifikati tat-Twelid li jgibu n-numru ta' iskrizzjoni rispettiv taghhom 2820/2010 u 2821/2010 rispettivament;

3. Illi r-rikorrenti sar jaf illi l-minuri E u F mhumiex l-ulied naturG tieghu u dan kif ser jirrizulta minn rapport ta' provi genetici;

4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jridx illi jibqa' jigi ndikat bhala missier il-minuri E u F;

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghar-ragunijiet prernessi ghGex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorri, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Tiddikjara illi l-minuri E u F li twieldu nhar is-6 ta' Novembru 2009 bin-numru ta' iskrizzjoni 2820/2010 u 2821/2010 mhumiex l-ulied naturG tar-rikorrenti;

Tordna lill-konvenut Direttur tar Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri fis-sens illi fil-kolonni li jispecifikaw id-dettalji dwar ir-rikorrenti fl-att tat-twelid tieghu, jigu mnizzla l-kliem missier mhux maghruf.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza huwa mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwG u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess, ghal kull precizazzjoni tajjeb li jigi rilevat li f'kaz li tintlaqa' t-talba li E u F B mhumiex il-wild naturG tar-rikorrenti, l-unici korrezzjonijiet li jistghu jigu effetwati fic-certifikati tat-twelid 2363 u 2364 tas-sena 2009 rispettivament huma li jigu kkancellati 1-partikolaritajiet kollha tar-rikorrenti bhala mnissier il-minuri E u F B u minflok jigi mnizzel li E u F B huma wild ta' persuna mhux maghrufa;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati l-eccezzjonijiet fuq imsemmija. l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri E u F B, li l-konvenuta tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturG halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. Di fatti huwa opportun li l-minuri ta' l-anqas ghandhom ikunu jafu min huwa l-missier naturG taghhom;

4. Illi jekk l-konvenuta ma tafx min huwa l-missier tal-minuri Jasrnine u F B naturalment tajjeb imbaghad li jigi ssottolinejat li tG korrezzjonijiet bl-ebda mod ma jippregudikaw lill-missier naturG milli jiehu dawk il-passi ta' rikonoxximent imsemmija fil-ligi inkella li l-minuri jressqu proceduri ta' ricerka ta' paternita' fil-futur;

5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa mghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi hija ma toggezzjonax li t-talbiet attrici jigu milqugha stante li huwa minnu li l-minuri wliedha E u F m'humiex l-ulied naturG ta' l-attur;

2. Illi konsegwentament hija taqbel li c-certifikati tat-twelid ta' wliedha E u F jigu korretti fis-sens li jitnehha isem l-attur bhala missier il-minuri u minflok jigi mnizzel li E u F huma wlied persuna mhux maghrufa.

Rat id-DNA Paternity Test Report, Dok C li jikkonferma li l-attur mhux il-missier biologiku tal-minuru E u F;

Rat l-affidavit tal-konvenuta mahluf fil-5 ta’ Mejju 2015;

Rat ir-rapport ta’ Dr Marisa Cassar, mahluf fit-18 ta’ Mejju 2015;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-5 ta’ April 2016 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

IL-PROVI.

Il-konvenuta, fl-affidavit taghha, fol 22. iddikjarat li uliedha E u F m’humiex ulied l-attur A B, u dan kif jirrizulta mit-testijiet xjentifiki li saru. Hi ammettiet li kellha relazzjoni qasira hafna mal-attur u hasbet li hu kien missier uliedha. Iddecidew li jsiru t-testijiet xjentifici biex jaccertaw ruhom u rrizulta li l-attur ma kienx il-missier natuG ta’ uliedha.

Mill-affidavit ta’ Dottor Marisa Cassar, fol 24, irrizulta mit-testijiet li saru l-attur mhux il-missier naturG ta’ ulied il-konvenuta, E u F.

Fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2015, fuq domanda tal-Qorti, l-konvenuta ddikjarat li sa fejn taf hi, l-missier naturG tal-minuri E u F hu Olian D G, li huwa ta’ nazzjonGta’ Sirjana u jzomm kuntatt sporadiku maz-zewg minuri u jhallas manteniment li jvarja bejn Euro 50 u Euro 300.

Nonostante tG dikjarazzjoni hadd mill-partijiet ma talab il-kjamat in kawza tal-imsemmi allegat missier. Peress li l-Qorti hi marbuta mit-talbiet li ghandha

quddiema, ser tghaddi sabiex taghti decizzjoni dwar it-talba maghmula minn A B. Naturalment sew l-omm kif ukoll uliedha ser jibqalhom id-dritt illi fi kwalunkwe zmien jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja dwar min hu verament il-missier naturG tal-minuri.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGG.

L-azzjoni ta' denegata paternita' ta' wild imwieled barra z-zwieg bhal dik istitwita mill-attur ghandha l-fondament legG taghha fit-termini tal-**artikolu 99 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

"*L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.*"

**Artikolu 100A** imbaghad jipprovdi illi f'kawzi ta' din ix-xorta l-Qorti ghandha s-setgha li tezigi li jsiru testijiet genitici bhala prova.

Fil-kaz in ezami, li l-konvenuta mal-attur kellha biss relazzjoni qasira hafna, u li malli indunat li seta' kien hemm zball dwar il-paternita' ta' uliedha saru t-testijiet xjentifici li kkonfermaw li l-attur mhux il-missier naturG. It-testijiet xjentifici huma llum l-aqwa prova f'kawzi ta' denegata paternita'. Ix-xhieda ta' Dr Marisa Cassar li kkonduciet it-testijiet tad-DNA ma thalli l-ebda dubju illi l-attur ma hux il-missier naturG taz-zewg minuri mertu tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant it-talba attrici sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li l-attur mhux il-missier naturG taz-zewg minuri E u F timmerita' li tigi milqugha.

DECIDE.

Il-Qorti ghalhekk qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposti tal-konvenuti,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-minuri E u F li twieldu fis-6 ta' Novembru 2009 mhumiex l-ulied naturG tal-attur A B.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelied taz-zewg minuri imsemmija fis-sens li jigu kkancellati isem, kunjom u l-partikolaritajiet kollha tal-attur u minnflok jigi mnizzel li E u F B huma wild ta' persuna mhux maghrufa.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta C D G.

**Imhallef** **Deputat Registratur**